# Lejn id-Disgħin sena mit-twelid ta' Francis Ebejer 1925-1993

*Tagħrif miġbur minn Joe Casingena*




Is-sena d-dieħla, se nkunu qed infakkru d-disgħin sena mit-twelid ta' iben Ħad-Dingli u d-drammaturgu Francis Ebejer

Fi Triq il-Kbira, ftit 'il fuq mill-Għassa tal-Pulizija ta' Ħad-Dingli nsibu monument maħdum mill-iskultur Rabti Anton Agius li jfakkar lill-kittieb Francis Ebejer, wieħed mill-aqwa nies li ħarġu minn dar-raħal. Hu twieled preċiżament fid-dar fejn illum hemm din l-Għassa tal-Pulizija, fit-28 ta' Awwissu, 1925, il-kbir fost seba' wlied minn ġenituri li t-tnejn kienu għalliema. Francis studja l-Liceo u wara kompla l-Università fejn beda kors fil-mediċina. Fl-1943 abbanduna dan il-kors biex mar jaħdem mal-Forzi Militari Ingliżi fl-Afrika ta' Fuq bħala interpretu għall-Ingliżi u t-Taljani.




Wara dan ix-xogħol beda jgħallem u ħa kors fis-St Mary's Training College f'Middlesex, ir-Renju Unit, bejn l-1948-50. Meta ġie lura wara l-kors inħatar surmast fl-Iskola Primarja tas-Siġġiewi, u wara taż-Żurrieq. Kien f'dan ż-żmien li kiteb numru kbir ta' *radio-plays* li kienu jinstemgħu minn fuq ir-*Rediffusion*. F'daż-żmien kiteb ukoll ħafna rumanzi (*novels*), li kienu kollha bl-Ingliż, ħlief waħda. Fis-snin sittin u sebgħin kiteb ix-xogħlijiet prinċipali tiegħu, xogħlijiet bħal *Vaganzi tas-Sajf* (1962), *Boulevard* (1964) u *Menz* (1967). Kompla mbagħad fis-sebgħinijiet bi drammi bħal *Il-Ħadd fuq il-Bejt* (1971), L-Imnarja Żmien il-Qtil (1973), u *Meta Morna tal-Mellieħa* (1975).




Fis-snin tmenin imbagħad kiteb għat-televixin drammi bħal *Id-Dar tas-Soru* u *Morru Sejħu lill-Werrieta*.

Francis Ebejer kiteb ħafna xogħlijiet oħra li nqalbu għal lingwi oħra bħall-Franċiż, it-Taljan, il-Ġermaniż, l-Ungeriż, iċ-Ċek u l-Iżvediż.

Il-lista ta' xogħlijiet ta' Francis Ebejer hija ħafna itwal mill-ftit eżempji li ngħataw hawn fuq. L-istejjer u drammi ta' Ebejer jirriflettu ħafna l-ħajja personali tiegħu, il-fatti u disfatti li għadda f'ħajtu.

Ix-xogħlijiet tiegħu wrew problemi komuni għan-nies madwar d-dinja kollha ta' kull żmien u għalhekk li nqalbu f'diversi lingwi. Jafu b'hidmietu studjużi barranin f'artijiet imbiegħda, imma dejjem baqa' dak li twieled u trabba f'raħal żgħir - ir-raħal ta' Ħad-Dingli.

Francis Ebejer miet fl-10 ta' Ġunju,1993 u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju "Mater Dolorosa" ta' Ħad-Dingli.